MINUTI

KUNSILL LOKALI FONTANA

IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

**Laqgħa Numru 69**

**It-Tnejn, 18 ta' Marzu 2024**

Saret il-laqgħa tal-Kunsill Lokali fis-Sala tal-Komunità tal-Kunsill Lokali, nhar it-Tnejn, 18 ta' Marzu 2024 fis-2.00 ta' wara nofsinhar. Il-ħin tal-laqgħa ġie ffissat bi qbil unanimu bejn il-membri tal-Kunsill.

**PREŻENTI:**
Is-Sur Saviour Borg – Sindku
Is-Sinjura Josephine Camilleri – Viċi Sindku
Is-Sur Horace Micallef – Kunsillier
Is-Sur Carmel Farrugia – Kunsillier
Is-Sur Jonathan Cefai - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Josianne Cassar – Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA



*Kunsill Lokali Il-Fontana, Multipurpose Room, l-Ewwel Fażi taċ-Ċentru Ċiviku, Triq Ta' Mulejja, il-Fontana FNT1110, Għawdex*
*Tel: 21558877 / Email: fontana.lc@gov.mt / Website:www.fontanagozo.com*

**Minuti;**

Is-Sindku Saviour Borg ippresjeda l-laqgħa.

## 69.1 Talba;

69.1.1 Il-laqgħa bdiet fis-2.00 ta' wara nofsinhar, bi qbil unanimu bejn il-membri. Intqagħlet it-talba tal-bidu.

## 69.2 Qari tal-ittri t'apoloġija;

69.2.1 Ma kienx hemm ittri t'apoloġija.

## 69.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

69.3.1 Il-Minuti tal-Laqgħat Numru 62, 63 u 64 ġew ċirkulati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 69.4 Komunikazzjoni mis-Sindku;

Is-Sindku għarraf lill-membri li:

69.4.1 Bħalissa għaddej l-*audit* tal-Kunsill;

69.4.2 Għandha ssir ħarġa għal Malta nhar l-Erbgħa, 3 t'April 2024, fl-okkażjoni tal-festa ta' San Girgor fiż-Żejtun u Marsaxlokk. Il-Kunsill qabel;

69.4.3 Minkejja li ntbagħtu diversi korrispondenza mad-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar is-sitwazzjoni tal-għeluq tal-uffiċċju fin-nofstanhar ta' filgħodu ma kienx hemm għajnuna biex din il-problema tiġi solvuta. Saħansitra ġiet infurmata s-Segretarju Parlamentari għall-Gvern Lokali b'din is-sitwazzjoni li rrispondiet li ser jaraw kif jistgħu jassistu u sa llum ma ġara xejn, dan minbarra li ġie nfurmat ukoll id-Direttur Ġenerali kif ukoll id-Direttur Chris Galea, il-President AKL u l-President tar-Reġjun Għawdex. Il-President tal-AKL biss wieġeb, fejn staqsa lill-Kunsill jekk sarx xi forma ta' ftehim mar-Reġjun t'Għawdex peress li kien tal-fehma li hemm diskussjonijiet għaddejjin bejn il-Kunsill u r-Reġjun biex forsi

jkun jista jattendi xi ħadd fis-sigħat ta' filgħodu. Is-Sindku qal illi ma hemm l-ebda diskussjoni għaddejja mar-Reġjun. F'korrispondenza oħra s-Sur Fava qal illi kieku l-Kunsill kien Malta kien jibgħat impjegat minn tiegħu minkejja n-nuqqas eżistenti ta' mpjegati. Is-Sindku ppropona li terġa tintbagħat it-tielet ittra lil dawn l-awtoritajiet;

69.4.4 Hemm bżonn illi jinħatar Bord sabiex jiġu evalwati l-kwotazzjonijiet għad-disinn u l-istampar tal-ktieb ta' Dr. Saliba. Il-Kunsill qabel illi l-Bord ikun magħmul mis-Sindku, William Sultana u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv;

69.4.5 Saret l-istaffa għall-van tal-komunità mingħand Godnic Garage;

69.4.6 Dwar l-ittra mibgħuta bl-Avukat lil 'Little Rock Quarry Limited' biex jingħalaq il-kont tat-twaqqigħ u l-qtugħ tal-blat tal-fond 189 u 190 fi Triq il-Għajn, il-kont ġie magħluq bit-taħbit tal-Aġent Segretarju Eżekuttiv li baqgħet tinsisti sabiex jintbagħat;

69.4.7 Sar disinn tal-pedestall għall-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù li tintuża għal FestaTfal mis-Sur Josef Camilleri, intalbet ukoll kwotazzjoni biex jinħadem mingħand Karmenu Curmi għall-prezz ta' €3000. Dan id-disinn intgħġob ħafna mill-membri u ġie approvat li jinħadem;

69.4.8 Saret tiswija tal-bankina fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili fuq ilment li kien hemm tar-residenti;

69.4.9 Ingħataw żewġ kotba lill-Kunsill minn Paul Jon Aquilina mis-serje 'Rakkonti misterjużi ta' Paulton'. Dawn ġew ippreżentati lis-Sindku;

69.4.10 Ingħataw żewġ kotba li kien ħareġ il-Kunsill dwar il-Fontana lill—ex Segretarju Eżekuttiv Heidi Grech u ieħor lill-ex skrivana tal-Kunsill Miriam Muscat;

69.4.11 Tħawwlu wkoll madwar 117 -il xitla tal-pensjeri madwar il-lokalità;

69.4.12 Il-*General Hand* beda fl-1 ta' Frar u saret il-manutenzjoni tar-*retaining wall* tat-Toroq John Gaspard Le Marchant u K. A. Franchi u tal-*belvedere* ta' tarf Triq ta' Mulejja, kif ukoll xogħol ta' tindif;

69.4.13 Ġie wkoll iffirmat il-kuntratt biex isir xogħol ta' *safety flooring* fil-*playing field* mal-kumpanija Projekte Ltd. Dan sar mis-Sindku u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv f'isem il-Kunsill;

69.4.14 Inxtraw ukoll boroż ħodor biex jitqassmu lir-residenti għall-ġabra tal-iskart riċiklat li ssir kull nhar ta' Ħamis;



KUNSILL LOKALI FONTANA

69.4.15 Saru wkoll żewġ laqgħat mal-pulizija tal-komunità;

69.4.16 Biex tinxtara xemgħa għan-niċċa tas-Salvatur. Il-Kunsill qabel.

**69.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera;**

69.5.1 Ma kienx hemm mistoqsijiet mill-Kunsilliera.

**69.6 Korrispondenza, ilmenti u suġġerimenti;**

69.6.1 Ċirkulari AKL 2023/114 bis-suġġett 'SRPP – putting you in contact for the dissemination of the survey WeBuySocialEU – Survey reporting_Malta.pdf'.

69.6.2 Ċirkulari AKL 2024/010 bis-suġġett 'Mental Health First Aid Training 2024' b'dati ġodda.

69.6.3 Ċirkulari AKL 2024/012 bis-suġġett 'Enemalta report_Street Lighting Demarcatopn Boxes Street Lighting Issues during bad weather'.

69.6.4 Ċirkulari AKL 2024/013 bis-suġġett 'Active Ageing and Community Care – Elderly Services Application updated application forms'.

69.6.5 Ċirkulari AKL 2024/014 bis-suġġett 'The Master in Maltese Studies applications'.

69.6.6 Ċirkulari AKL 2024/015 bis-suġġett 'Post Vakant Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali – Assistent Prinċipali Skala 11'.

69.6.7 Ċirkulari AKL 2024/016 bis-suġġett 'Collaborative Mural Project'.

69.6.8 Ċirkulari AKL 2024/017 bis-suġġett 'The Phoenicians' Route_Opening Ceremony – Dialogue on the Phoenician's Route 2024'.

69.6.9 Ċirkulari AKL 2024/018 bis-suġġett 'Caritas Malta Epilepsy Association Upcoming Forum'.

69.6.10 Ċirkulari AKL 2024/020 bis-suġġett 'Kollaborazzjoni għat-tifi tad-dwal waqt l-attività tal-'Earth Hour 2024'.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

69.6.11 Ċirkulari AKL 2024/021 bis-suġġett 'You Matter – Strenghtening Minds, Building Resilience_13.04.2024'.

69.6.12 Ir-Reġjun Għawdex bagħat rimbors ta' €4,623.20 mill-Fond – Ambjent 2021 u l-ammont ta' €23,151.00 mill-Fond – *Parks*, Ġonna u Spazji Pubbliċi 2021 allokati għall-Kunsill Lokali Fontana. Korrispondenza dwar l-iskema kulturali ntbagħtet mir-Reġjun fejn il-Kunsill ġie nfurmat illi ma ġietx milqugħa t-talba li l-Kunsill għamel għall-ispejjeż tal-banda 'La Stella' li ħadet sehem fl-okkażjoni unika li saret tal-mitt sena mill-wasla tal-istatwa tal-Qalb ta' Ġesù fil-parroċċa. Dan is-servizz kien mill-Bażilika ta' San Ġorġ sal-knisja Santwarju tal-Qalb ta' Ġesù fil-Fontana. Is-Sindku ppreżenta reklam meta l-Kunsill taż-Żebbuġ għamel *show* tan-nar lejlet il-festa bil-fondi tar-Reġjun minn din l-istess skema u talab li jiġi anness mal-Minuti bħala 'Dok A' u l-korrispondenza mir-Reġjun bħala 'Dok B'.

69.6.13 Korrispondenza mir-Reġjun t'Għawdex għaċ-Ċirkulari AKL 2023/045_LESA– Fondi għall-Infurzar waqt l-Attivitajiet fil-Lokal: Linji Gwida u Proċedura bl-informazzjoni u Dokumenti meħtieġa għar-Rimbors. Ir-reġjun spjega l-proċess ta' kif ser ikun ir-rimbors u li tali għajnuna finanzjarja ser tingħata biss għas-servizzi tal-Aġenzija LESA, tal-Korp tal-Pulizija u tal-Protezzjoni Ċivili.

69.6.14 Ċirkulari Numru 1/2024 mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar Trattament tal-Allokazzjoni annwali sħiħa – Proċeduri tal-Kontabilità tal-Kunsilli Lokali u Trattament ta' Self u Fondi ta' Likwidità addizzjonali li jitħallsu lura fuq talba – Proċeduri ta' kontabilità tal-Kunsilli Reġjonali.

69.6.15 Korrispondenza mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali:

- Mistoqsija Parlamentari Nru. 15285 (Vetturi Abbandunati fil-Lokalitajiet);
- Mistoqsija Parlamentari Nru. 15385 (Segretarji Eżekuttivi li għandhom impjieg/dħul mal-Gvern);
- Mistoqsija Parlamentari Nru. 15814 (Ambaxxaturi taż-Żgħażagħ – Kunsilli Lokali);
- Mistoqsija Parlamentari Nru. 15895 (Għawdex – Latrini li sarilhom *refurbishment*);
- Ċirkulari Nru. 03/2024 (National and EU Flags);
- EMP962 – Parkeġġi-2024 *1st Quarter update*;
- *IPS Training in collaboration with SEM;*
- Skemi għall-Kunsilli Lokali 2024. Il-Kunsill ma qabilx li japplika peress li hawn ħafna proġetti li qedgħin jitwettqu fil-mument u ż-żmien huwa limitat meta tkun trid mingħand il-periti;

KUNSILL LOKALI FONTANA

- Ċirkulari Nru. SPI/SCI/06/2024 - *Tnedija mill-ġdid tal-Community Inclusive Employment Scheme (CIES)*;
- *MFWS Children and Armed Conflict Report – Phase 1*;
- Laqgħa għas-Segretarji Eżekuttivi. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv attendiet għal din il-laqgħa li kienet waħda t'interess;
- Żjarat mill-Lokalitajiet għall-EXPO tas-Servizz Pubbliku – 18 ta' Mejju 2024.

69.6.16 Stedina għat-tnedija ta' Premju Mara 2023/2024 mis-Segretarjat Parlamentari għall-Gvern Lokali. Għal dan il-premju l-Kunsill irċieva nomina mingħand persuna li minkejja li taħdem b'mod volontarju fil-Parroċċa ma hix residenta fil-lokalità, għaldaqstant din in-nominazzjoni ma setgħetx tiġi milqugħa mill-Kunsill, kif hemm mitlub fl-istess applikazzjoni, maħruġa mis-Segretarjat Parlamentari.

69.6.17 Dwar iż-żjara ta' monitoraġġ li saret f'Novembru 2023 mill-Kungress tal-Awtoritajiet Lokali u Reġjonali tal-Kunsill tal-Ewropa, il-Kunsill irċieva korrispondenza fejn ġie mistoqsi jekk għandux kummenti fuq id-*draft report* tal-istess laqgħa. Il-Kunsill wieġeb illi jaqbel mad-*draft report* kif propost.

69.6.18 *Malta Tourism Authority* bagħtet korrispondenza bis-suġġett 'Visit Malta – Calendar of Events'.

69.6.19 Korrispondenza mingħand is-CEO tal- *Local Enforcement System Agency* (LESA) fejn talab aġġornament tal-proġett tar-*refurbishing* tal-*Playing Field* li l-LESA allokat fondi għal dan il-proġett. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv infurmatu bil-progress ta' dan il-proġett.

69.6.20 Il-kumpanija AID Ltd. li kienet tieħu ħsieb l-*online streaming* bagħtet *invoices* li jammontaw għal €3312.08 għas-snin 2019-2023. Kull meta ntalab il-kuntratt lill-kumpanija qatt ma ntbagħat. Il-Kunsill ma qabilx illi dawn jitħallsu kemm il-darba ma jintbagħatx kopja tal-kuntratt u jiġi vverifikat.

69.6.21 Is-Sur Paul Galea bagħat stima tal-qari tal-provi tal-ktieb 'Mill-Album ta' Tfuliti fi Triq tal-Għajn' li tammonta għal €375 (Vat inkluż). Il-Kunsill qabel.

69.6.22 Id-Direttur Ġenerali għall-Gvern Lokali bagħat tweġiba għad-domanda li kien għamillu l-Kunsill minħabba li kandidata għall-post ta' Segretarju Eżekuttiv kienet ser tipprova ġġib magħha l-paga (Gross ta' aktar minn €50,000) li għandha jekk tkun magħżula bħala Segretarju Eżekuttiv. Id-Direttur Ġenerali wieġeb li l-post tas-Segretarju Eżekuttiv huwa rregolat



KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

bil-ftehim kollettiv relatat u ma jkunx possibli li jiġi offrut pakkett finanzjarju differenti minn dak stabbilit.

69.6.23 Is-Segretarju Eżekuttiv Christine Bartolo Perici nfurmat lill-Kunsill illi ma tistax taċċetta l-ħatra u rringrazzjat lill-Kunsill tal-fiduċja li wera fiha. Għaldaqstant il-Kunsill qabel unanimament illi jaħtar lil Loretta Cauchi bħala Segretarju Eżekuttiv li ġiet ikklassifikata fit-tieni post mill-Bord tal-Għażla.

69.6.24 Rappreżentanta tal-assigurazzjoni li ġiet avviċinata miż-żgħażugħa li ħadet ir-rota tal-elettriku kitbet lill-Kunsill fejn infurmatu li l-assigurazzjoni trid toħroġ fuq sid ir-rota li f'dan il-każ huwa l-Kunsill Lokali. Il-Kunsill qabel illi jħallas l-assigurazzjoni hu.

69.6.25 Attenda għall-laqgħa tal-Kunsill is-Sur Joe Grech, Rappreżentant tal-Kummissjoni Elettorali, dwar l-użu tas-sala tal-komunità għall-Elezzjonijiet ta' Ġunju 2024. Is-Sur Grech ġab miegħu korrispondenza li tagħmel referenza għall-emejl datata 20 ta' Mejju 2022 tal-ex DG is-Sur Natalino Attard fejn kien hemm indikat li l-Kunsill Lokali Fontana ma għandu ebda bażi legali fuq xiex jitlob ħlas għall-użu tas-sala in kwistjoni, għax m'għandux *Bye-Law* għal dan il-għan. Id-Direttur Ġenerali preżenti għall-Gvern Lokali kiteb lill-Kunsill fejn ikkonferma li l-Kummissjoni ma tagħtix ħlas għal tali użu ta' binjiet pubbliċi u li ser tidħol garanti għal kwalunkwe ħsara u li jsir it-tindif. Is-Sindku fakkar illi kien ta' diżappunt illi l-aħħar li ntużat is-Sala mill-Kummissjoni minkejja l-ftehim bil-miktub li kien ser isir ħlas ta' €700 għal aktar minn ġimgħa, ma żammitx kellmitha u m'onoratx il-ftehim wara l-elezzjoni. Barra minnhekk meta ħames snin ilu saret il-ħsara minkejja li mitluba ma ssewwa xejn tant li kellu jsewwiha l-Kunsill. Huwa fakkar ukoll fil-proċess tal-*ByeLaw* li issa wasal fil-finali tiegħu. F'dawn iċ-ċirkustanzi l-Kunsill aċċetta li l-Kummissjoni Elettorali tagħmel użu mis-Sala bi qbil magħha li ser tidħol garanti għal kwalunkwe ħsara li tista ssir mill-użu tal-fond u li jsir it-tindif neċessarju kemm qabel kif ukoll wara l-attività. Is-Sindku nforma lill-Kunsill li bħal ma jaf min kien fil-leġislaturi preċedenti minn meta bdiet tintuża s-sala mill-2009 għall-votazzjoni dejjem sar il-ħlas miftiehem mal-Kummissjoni Elettorali, għalhekk dak li ntqal li ma jsirx ħlas mhux minnhu.

69.6.26 Residenta minn Triq il-Għajn talbet għal *patching* quddiem id-dar tagħha peress li kull vettura li tgħaddi minn quddiem id-dar tagħha qed iħammġulha l-faċċata. Dan l-ilment ġie mgħoddi lill-Ministeru għal Għawdex u l-Ippjanar peress li t-triq taqa taħt ir-responsabilità tal-Ministeru.

69.6.27 Resident minn Triq Għajn Tuta kiteb ilment kemm f'ismu kif ukoll f'isem il-ġirien tiegħu dwar *parking* li qed isir bl-addoċċ kif ukoll *double parking*, bil-konsegwenza li karozzi ma jkunux jistgħu jdawru biex joħorġu lura u dgħajjes fuq karru bla numru. Il-Kunsill għadda dan mill-ewwel dan l-ilment lill-Pulizija tal-Komunità fejn infurmaw illi saru diversi rondi u ma rawx dan l-abbuż. Żied jgħid li jekk l-abbużi qed isiru bil-lejl għandu jsir rapport l-għassa r-Rabat ħalli jittawlu tar-ronda ta' bil-lejl. Dwar id-dgħajsa l-Kunsill ġie nfurmat ser titneħħa mis-sid fil-ġranet li ġejjin.

69.6.28 Diversi residenti minn Triq il-Għajn bagħtu r-risposta tagħhom bħala parti mill-konsultazzjoni li saret dwar il-kaxxi tal-parkeġġ fi Triq il-Għajn, min-niċċa tas-Salvatur sa Trejqet Bieb il-Għajn. Kien hemm qbil illi dawn isiru u għaldaqstant ser tintalab l-approvazzjoni ta' Transport Malta sabiex ikunu jistgħu jsiru.

69.6.29 Persuna li għandha residenza fi Triq il-Kappillan Ġużepp Hili pero li m'għandhiex il-karta tal-identità reġistrata l-Fontana talbet għal-permess tal-ipparkjar ta' Żona B. Il-Kunsill ma qabilx li jingħata permess jekk ma jkollux l-ID u l-*Log Book* b'indirizz fil-Fontana.

69.6.30 Inġibdet l-attenzjoni tal-Pulizija tal-Komunitá peress li żviluppaturi fi Triq l-Isptar San Ġiljan mhumiex jagħmlu l-permessi neċessarji mal-Kunsill ta' *skip* u nġenji oħra li tpoġġew b'mod permanenti li jistgħu jkunu wkoll ta' periklu minħabba li l-parti ta' fejn jinsab hija dejqa.

69.6.31 Residenti fi Sqaq ta' Fuq il-Lunzjata talbu sabiex tiġi mibdula t-tieni lampa li hija LED u jsir fanal minflokha bħal l-ewwel wieħed li hemm fl-Isqaq li jaqbel ħafna mal-karetteristika rurali li hemm f'din iż-żona. Il-Kunsill qabel.

69.6.32 Is-Sur Joe Zammit Ciantar talab għajnuna lill-Kunsill sabiex ikun jista jikteb artiklu, bil-possibbilità li jiġi ppubblikat fi ktejjeb, dwar il-postijiet t'attrazzjoni fil-lokalità u xi ritratti. Jekk isir il-ktejjeb ser jgħaddi żewġ kopji lill-Kunsill.

## 69.7 Approvazzjoni tal-*Quarterly Financial Report* Ottubru – Diċembru 2023;

69.7.1 Il-*Quarterly Financial Report* għall-perjodu ta' Ottubru – Diċembru 2023 ġie approvat unanimament.

## 69.8 Baġit 2024;

69.8.1 Wara diskussjoni il-Baġit għas-sena 2024 ġie approvat unanimament. Kopja ta' parti mid-dokument tal-baġit fejn hemm l-ispjega ta' kif inhu mqassam qed tiġi annessa bħala 'Dok Ċ'.

## 69.9 Sitwazzjoni tal-proġetti tal-Kunsill;

69.9.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi fis-7 ta' Marzu beda x-xogħol ta' taħt ir-*railing*, dan wara li saret laqgħa fejn attendew il-Perit Toni Bezzina u Clayton D'Amato li jaħdem miegħu, il-kuntrattur Consortium GTC JV u s-Sindku. Waqt ix-xogħol ta' taħmil ġie mikxuf *culvert* tal-ilma tax-xita fejn il-Perit informa lis-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali u talab ukoll li jiġi mqabbad is-Sur Joseph Grima bħala moniteraġġ tal-arkeoloġija bħal ma sar meta kien hemm proġett simili ta' tisbieħ wara s-sangristija u parti minn Trejqet iċ-Ċentru Parrokkjali. Il-Perit informa li ser jagħmel stima għal xogħol konness mal-*culvert* peress li ma kienx imdaħħal fl-offerta. Il-Kunsill qabel illi jsir dan ix-xogħol.

69.9.2 Peress li wara li tlesta x-xogħol tal-*Playing Field* mill-kuntrattur u ħa l-*fencing*, biex jiġi evitat kull periklu li seta jinqala jekk tibqa miftuħa ġie mqabbad Zammit Aluminium biex jagħmel *fencing* temporanju sakemm isir ir-*rubber flooring* u jitwaħħal l-apparat tal-logħob u l-*gym equipment* u tinfetaħ għall-pubbliku.

69.9.3 Is-Sindku nforma li wara li l-Perit Saliba ngħata ġimgħa żmien jekk hux ser ikompli x-xogħol tal-proġett tal-bini tal-Kunsill dan applika sabiex tingħata l-linja mill-Awtorità tal-Ippjanar u din ingħatat u talab ukoll sabiex issir laqgħa li ser issir nhar l-Erbgħa fis-6.00pm mal-Perit u l-Enġinier Simon Mizzi.

69.9.4 Dwar l-offerta tas-CCTV il-Kunsill qabel illi jaħtar il-Bord t'evalwazzjoni. Dan ser ikun magħmul mis-Sindku, mill-Enġinier Simon Mizzi, William Sultana u l-Aġent Segretarju Eżekuttiv.

## 69.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 51/2024 għal perjodu ta' bejn l-1 ta' Diċembru 2023 u t-18 ta' Marzu 2024 li tammonta għal €93,782.67 ġiet approvata u ffirmata. Ġiet preżentata wkoll kopja tal-ispejjeż relatati ma *Petty Cash* li saru matul ix-xahar ta' Frar.

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA

**69.11 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali ntemmet fil-3.45pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn, 22 t'April 2024 fis-2.00 ta' wara nofsinhar bi qbil unanimu u b'aġenda li tkun komunikata aktar 'l quddiem.

Konfermati, llum it-Tnejn, 27 ta' Mejju 2024.

Saviour Borg
Sindku

f/ Josianne Cassar
Aġent Segretarju Eżekuttiv

KUNSILL LOKALI IL-FONTANA